MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1338/1991/2

**Anna Hazzouri**

**vs**

**1) Ismail Hazzouri u**
**2) Joseph Muscat; u b'digriet tat-28 ta' Frar 1992 intervjena fil-kawza l-Avukat Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Gasan Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Dicembru 1991 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi:

Fil-25 ta’ April 1991, filwaqt illi l-konvenut Ismail Hazzouri kien qieghed isuq il-karozza Skoda Z-0904 u filwaqt illi l-konvenut Joseph Muscat kien qieghed isuq il-karozza V-6064, f’Birbal Street, Balzan, huma habtu f’xulxin b’impatt qawwi;

Bhala konsegwenza ta’ dan l-incident l-attrici, illi allura kienet tqila, tilfet it-tarbija taghha u garrbet ingurji ta’ natura gravi u permanenti;

Interpellati jaghmlu tajjeb ghad-danni hekk minnhom ikkawzati, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talbet li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

(1) Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident tal-25 ta’ April 1991 u ghad-danni konsegwenzjali subiti mill-attrici;
(2) Tillikwida dawn id-danni previa bl-opera ta’ periti u esperti nominandi;
(3) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas id-danni sofferti mill-attrici, hekk illikwidati minn din il-Qorti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Ismail Hazzouri fejn qal:

(1) Illi huwa veru illi huwa kien involut f’incident tat-traffiku fil-25 ta’ April 1991 go Hal-Balzan mal-vettura numru V-6064 misjuqa minn Joseph Muscat, liema incident gara unikament tort tal-istess Joseph Muscat;
(2) Illi mhux veru illi huwa jew l-assikurazzjoni tieghu gew interpellati minn martu, Anna Hazzouri, l-attrici f’din il-kawza biex jaghmlu tajjeb ghad-danni li hija sofriet bhala konsegwenza ta’ dan l-incident;
(3) Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Muscat fejn qal:

(1) Illi huwa ma kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku deskritt fic-citazzjoni tal-attrici, liema incident gara unikament tort ta' Ismail Hazzouri s-sewwieq tal-vettura numru Z-0904;
(2) Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes kontra l-istess attrici;
(3) Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 1992 li permezz tieghu gew nominate l-Avukat Dottor Philip Manduca bhala perit legali u t-Tabib Dottor Anthony Galea Debono bhala perit mediku;

Rat in-nota ta' l-Avukat Dottor Philip manduca tat-23 ta' Novembru 1992 fejn informal ill-Qorti li huwa ma setax ikun perit legali f'din il-kawza peress illi kien qieghed jippatrocina wiehed mill-konvenuti;

Rat id-digriet tas-16 ta' Dicembru 1992 fejn, fuq rikors ta' l-attrici, l-Avukat Dottor Philip Manduca gie sostitwit bl-Avukat Dottor Mark Griscti;

Rat id-digriet tat-28 ta' Settembru 1999 li permezz tieghu, fuq talba tal-perit legali, gie sotitwit ghalih l-Avukat Dottor Veronica Aquilina;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji debitament mahlufa;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attrici u nota responsive tal-konvenut Joseph Muscat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta illi fil-25 ta' April 1991 ghall-habta tal-5.30/6.00 p.m., il-konvenut Hazzouri kien qieghed isuq il-vettura Skoda numru Z-0904 fi Triq il-Bon Pastur, Balzan, fid-direzzjoni ta' Vjal il-Bon Pastur fl-istess lokalita`, filwaqt li l-konvenut Muscat kien qed isuq il-vettura numru V-6064 fi Triq Birbal, Balzan, fid-direzzjoni ta' San Anton.

Skond il-konvenut Hazzouri u l-attrici martu li kienet riekba mieghu fis-seat tal-passiggier ta' quddiem, l-istess konvenut waqaf fuq l-istop sign fi Triq il-Bon Pastur sabiex jaqsam Triq Birbal ghal Vjal il-Bon Pastur. Peress li l-hajt fuq ix-xellug ma kienx jippermetti vizwali tajba ta' Triq Birbal, huwa baqa' hiereg 'il barra bil-mod sakemm seta' jesplora t-triq sew. B'hekk baqa' jaqsam bil-mod ghal Vjal il-Bon Pastur u dan wara li kien assigura ruhu li seta' jaghmel dan minghajr problema, minkejja li kien lemah il-vettura tal-konvenut Muscat gejja min-naha tax-xellug fi Triq Birbal.

Il-konvenut Muscat xehdd li hekk kif kien qed isuq bl-40 k.f.s. gewwa Triq Birbal, qasmet il-vettura tal-konvenut Hazzouri min-naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug tat-triq minn fuq stop sign. Hu pprova jevita l-incident billi applika l-brakes, izda l-vettura tieghu baqghet diehla fil-left rear mudguard tal-vettura misjuqa mill-konvenut l-iehor.

Mill-iskizz imhejji minn P.S. 298 Joseph Grima jirrizulta li dakinhar ta' l-incident kien hemm stop sign fit-triq li minnha hareg il-konvenut Hazzouri.

Il-perit legali ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar ir-responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni:

"5. … l-incident innifsu kien proprju u unikament konsegwenza ta' din id-decizjoni zbaljata [tal-konvenut Hazzouri li johrog sabiex jaqsam Triq Birbal]. Jekk l-istess konvenut flimkien ma' martu jghidu fl-affidavits rispettivi taghhom li huma kienu osservaw il-vettura tal-konvenut Joseph Muscat aktar 'il fuq fi Triq Birbal, allura l-esponenti ma tistax tifhem kif taht dawn ic-cirkostanzi l-konvenut Ismail Hazzouri ttenta jaqsam triq principali, u cioe` d-dritta ta' haddiehor, bi perikolu ghalih u ghall-haddiehor. Aktar u aktar meta dik il-vettura, kif xehed fis-seduta tas-7 ta' April 2000 il-konvenut Muscat, kienet qieghda tinstaq b'velocita` ta' 40 k.f.s. (li ma jeccedix pero` l-massimu stabbilit mil-ligi).

6. M’hemm l-ebda dubbju li Triq Birbal gewwa Balzan hi triq principali filwaqt li dawk Vjal il-Bon Pastur u Triq il-Bon Pastur uma biss triqat sekondarji u l-esponent tghid dan peress li hi taf sew il-post ta’ l-incident. Jinghad ukoll li l-istop sign hi ndikazzjoni ta’ dan. Ir-regolamenti nru. 91 u nru. 94 tal-Highway Code huma cari fir-rigward tad-doveri ta’ *side road user*. Filwaqt li l-ewwel wiehed jipprovdi li *‘Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road’* u t-tieni wiehed jghid li *‘Do not carry out any manoeuvre even with the use of signals which may force other traffic to slow down or stop abruptly’*.

7. Ghalhekk il-konvenut Ismail Hazzouri kellu d-dover bhala *side road user* li jzomm *a proper look-out* u anke li jaccerta ruhu li ma kienx ser ifixkel is-sewqan ta’ l-utenti tat-triq principali, f’dan il-kaz Triq Birbal. Dan hu principju ben stabbilit mill-Qrati taghna.

8. F’dan ir-rigward l-esponenti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs Carmen Grima** tal-Qorti ta’ l-Appell (Inferjuri) moghtija fis-16 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.ii.1042) fejn dawn id-doveri tas-*side road user* gew sostnuti mill-gdid. F’dik is-sentenza l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ziedet tghid li *‘jekk jirrizulta – kif indubbjament irrizulta fil-kaz in ezami – illi din ir-regola kardinali tas-sewqan ma gietx osservata u li s-side road user harget ghal fuq il-main road b’mod inkonsult u azzardat dan kellu necvessarjament iwassal bhala regola biex is-side road user tigi akkollata bir-responsabbilta` shiha ta’ l-akkadut’*.

9. Ghal dak li kien jirrigwarda l-ezami jekk is-sewwieq l-iehor, l-attur f’dak il-kaz, kien *main road abuser*, dik il-Qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru 1993 fl-ismijiet **Mehmet Kasap vs Edgar Ellul** fejn intqal li *‘kif gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza f’cirkostanzi simili ghal dak in ezami, eccess ta’ velocita` tal-main road user (anke kieku biss ghall-grazzja ta’ l-argument kellu jigi koncess) ma ghandux jitqies bhala determinanti jew kontributorju ghar-responsabbilta` ghas-sinistru.*

*Certament il-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut ittanta jittraversa t-triq ta' l-attur (u johrog ghal fuq it-triq principali) u mhux xi eccess ta' velocita` da parti ta' dan ta' l-ahhar'* (ara wkoll is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla tat-23 ta' Marzu 1993 fl-ismijiet **Anna Stanley vs Alan Zahra**, Vol. LXXVII.ii.99).

10. Pero` l-esponenti tosserva li fil-kaz odjern ma giex ribattut mill-attrici jew mill-konvenut Ismail Hazzouri dak li qal il-konvenut Joseph Muscat, cioe` li hu kien qed isuq bl-erbghin kilometru fiss-iegha u fil-fatt lanqas biss dawn xehdu dwar il-velocita` tas-sewwieq konvenut Joseph Muscat. Ghalhekk ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar dan il-punt.

11. L-esponenti ghalhekk ser tghaddi sabiex tezamina l-fatturi l-ohra li jirrizultaw mill-iskizz tal-pulizija. Tinnota li l-*brake marks* tal-vettura misjuqa mill-konvenut Joseph Muscat huma pjuttost twal u dan ikkonfermah il-konvenut Ismail Hazzouri fl-affidavit tieghu. Il-*brake marks* tal-vettura misjuqa minn Joseph Muscat jibdew minn qabel il-kantuniera minn fejn spjega li kien hareg il-konvenut Ismail Hazzouri, u meta wiehed iqis dan il-fatt flimkien mal-fatt l-iehor sinifikanti tal-posizzjoni tal-hsarat fil-vettura ta' l-istess konvenut, cioe` lejn in-naha ta' wara tal-vettura, l-esponenti tasal ghall-konkluzjoni li fil-probabbilita` kbira l-konvenut Ismail Hazzouri kien lehaq hareg ghan-nofs tat-triq meta l-konvenut Joseph Muscat applika l-*brakes* sabiex jevitah, u allura mess in-naha ta' wara tal-vettura tal-konvenut l-iehor wara li hu kien tkaxkar dawk il-ftit metri u l-istess Ismail Hazzouri kien kompla jaghfas l-*accelerator* b'tentattiv li jaqsam kemm jista' jkun malajr minghajr sfortuna. Dan jispjega l-fatt li l-vettura misjuqa mill-konvenut Ismail Hazzouri ma halliet l-ebda marki fl-art – wisq probabbli ma gewx applikati l-*brakes* izda gie maghfus l-*accelerator*.

12. Ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti tissottometti umilment li fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici ghandu jigi dikjarat il-konvenut Ismail Hazzouri bhala responsabbli ghall-incident li sehh fil-25 ta' April 1991 u ghalhekk l-

ewwel eccezzjoni tieghu ghandha tigi rigettata u l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Joseph Muscat milqugha….”

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha u s-sottomissjonijiet li saru fin-nota ta’ l-attrici u u f’dik tal-konvenut Muscat, hi tal-fehma li l-konkluzjoni tal-perit legali li r-responsabbilta` ghall-incident ghandha tigi attribwita lill-konvenut Ismail Hazzouri hija korretta. Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti li s-sewwieq fi triq principali m'ghandux jiehu t-tort ta' incident awtomobilistiku minhabba velocita` eccessiva sakemm l-istess velocita` ma tkunx il-kawza prossima ta' dak l-incident.

Fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-15 ta' Jannar 1997 (Vol. LXXXI.ii.162), dik il-Qorti qalet: *"Kien kostantement ritenut illi f'cirkostanzi bhall-kaz in ezami fejn jirrizulta li sewwieq kellu ovvjament id-dritta u fejn jirrizulta li l-incident gara minhabba li l-konvenut hareg minn triq laterali u sekondarja bla ma zamm a proper lookout, l-eccess ta' velocita` da parti tal-main road user - anke jekk pruvat - bhala regola u wahdu ma kienx fattur li jaddebitalu xi kontributorjeta` ghas-sinistru. Dan b'mod partikolari fejn iz-zewg sewwieqa kellhom - jew suppost li kellhom - vizwali ta' xulxin fit-tul. 'Jekk iz-zewg sewwieqa li jkunu mplikati fil-kollizjoni setghu jaraw lil xulxin fi zmien utili, il-fattur ta' velocita` m'ghandu x'jaqsam xejn fil-kawza determinanti tal-kollizjoni….' (Vol. XXXVI.iv.797)"*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Remigio Zammit Pace noe vs George Despott** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Frar 1997 (Vol. LXXXI.iii.43), intqal: *"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karrozza b'velocita` eccedenti l-ispeed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta` purche` l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah 'sfrenat' … Fic-cirkostanzi l-ispeed ta' Vassallo ma kienx il-kawza determinanti tal-kollizjoni izda kienet il-manuvra inkonsulta tal-konvenut li kkawzat l-incident"*.

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs Carmen Grima** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fis-16 ta' Mejju 1997 fejn saret riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mehmet Kasap vs Edgar Ellul** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 1993 li qalet: *"Pero` kif gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza f'cirkostanzi simili ghal dak in ezami, eccess ta' velocita` tal-main road user (anke kieku biss ghall-grazzja ta' l-argument kellu jigi koncess) ma ghandux jitqies bhala determinanti jew kontributorju ghar-responsabilita` ghas-sinistru … jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta fil-kaz in ezami - illi din ir-regola kardinali tas-sewqan ma gietx osservata u li s-side road user arget ghal fuq il-main road b'mod inkonsult u azzardat dan kellu necessarjament iwassal bhala regola biex is-side road user tigi akkollata bir-responsabilita` shiha ta' l-akkadut … kieku kellu jirrizulta xi eccess ta' velocita` marginali … dan wahdu ma kienx ikun bizzejjed biex tigi akkollata xi responsabilita` lil main road user ghall-incident …. Kien ikollu jirrizulta …illi tali eccess ta' velocita` kien posittivament ikkontribwixxa ghas-sinistru billi jkun jirrizulta li tali eccess kien ukoll kawza prossima u mmedjata ta' l-incident"*.

Fil-kaz in ezami, nonostante li Ismail Hazzouri kien ra lill-konvenut Muscat gej, xorta ddecieda li jaqsam u sahansitra, kif jghid hu stess, ghamel hekk “bil-mod” meta min ikun qieghed jaghmel manuvra simili ghandu jaghmel hekk fl-iqsar zmien possibbli. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandu jwiegeb unikament il-konvenut Hazzouri.

Id-danni li tippretendi l-attrici huma ghal telf ta’ granet tax-xoghol u tnaqqis fis-sieghat tax-xoghol, ghal dizabilita` permanenti fi grad ta’ 1%, u ghat-telf ta’ tarbija li biha kienet tqila meta sehh l-incident.

Dwar it-telf tat-tarbija, din il-Qorti taqbel mal-perit legali li huwa difficli li wiehed jasal ghall-konkluzjoni li t-telf tat-tarbija kienet precipitata mill-incident:

It-Tabiba Dr. Astrid Camilleri xehdet li hi kienet inviztat l-attrici gimgha wara l-incident meta din kienet ilmentat

minn ugiegh f'zaqqha u waslet ghall-konkluzjoni li l-attrici kienet sejra twelled prematurament. Hija qalet: *"Difficli hafna biex tghid kienx hemm relazzjoni diretta bejn il-hlas u l-incident peress li l-attrici kellha 40 sena u kellha komplikazzjoni medika, u cioe` fibromi fl-utru. Min ikollu hekk f'certi kazijiet jikkawza l-abort huwa stess."*

It-Tabib Dr. Neville Montanro Gauci xehed li l-attrici kienet taht il-kura tieghu ghaliex kienet tqila. Minn *ultrasound* li sar fit-28 ta' Marzu 1991 irrizulta li l-attrici kellha aktar minn fibroma wahda u l-ugiegh kien qed jigi kkawzat mill-istess. Dr. Montanaro Gauci xehed li meta l-attrici dahlet l-Isptar dakinhar ta' l-incident, it-tabib ta' l-ghassa kien innota li *"trawma dirett ghall-addome ma kienx hemm …. l-baby kien transvers u kien haj, il-placenta dehret normali u mhux maqlugha u kellha l-fibromi. Innutaw li ma kienx hemm 'blood clots' wara l-placenta. Jekk tkun se tinqala' normalment ikun hemm 'blood clots'"*. Meta hu nviztaha fit-3 ta' Mejju 1991, wara l-*ultrasound* irrizulta li l-utru kien miftuh u ghalhekk kien jindika li l-attrici kienet ser titlef it-tarbija. Dan gara dakinhar stess. Mistoqsi dwar il-possibbilita` tar-relazzjoni bejn l-incident u t-telf tat-tarbija jew abort, spjega li l-utru *"jinfetah ghax ikun hemm tendenza li jsir hekk jew ikun twessa' b'operazzjoni precedenti"*. Fit-tqala sussegwenti fil-fatt ittiehdu diversi prekawzjonijiet sabiex l-ghonq ta' l-utru ma jinfetahx. *"Zgur li ma jsirx hekk b'daqqa, bhal f'incident …. Peress li kellha fuq l-erbghin, dan ma ghenx, inoltre kellha l-fibromi u l-effett taghhom, meta jkun jindika fil-kavita` tal-utru, ikollhom tendenza li jaghmlu l-hsara fit-tqala"*. Meta l-attrici kkummentat li kienet tilfet l-ilma mad-daqqa, it-Tabib spjega li d-daqqa ma tkunx ir-raguni shiha, izda wiehed irid ikollu predisposizzjoni li jigri hekk. Anzi, qal li *"normalment trawma ma twassalx ghal 'live abortion'* bhalma gara fil-kaz ta' l-attrici.

Konsegwentement ma tistax tigi milqugha l-pretensoni taghha ghal kumpens minhabba t-telf tat-tarbija.

Dwar it-telf ta' xoghol u tnaqqis fis-sieghat tax-xoghol, dan jidher li hu relatat principalment mal-fatt li tilfet it-tarbija.

Ghalhekk ma jistax jigi akkordat l-ammont kollu pretiz minnha.

Dwar id-dizabilita` li sofriet, fir-relazzjoni tieghu l-espert mediku jghid li l-ilment li ghandha l-attrici *"li tinsa facilment u xi kultant ticcassa, x'aktarx huma relatati mal-fatt illi habtet rasha [fl-incident]."* L-espert mediku qal li ma jarax relazzjoni bejn il-fatt li tilfet it-tarbija ftit wara l-incident u dawn l-ilmenti u jikkonkludi: *"Dawn l-ilmenti izda huma minimi u soggettivi, pero` ghandhom jigu accettati bhala dizabilita` zghira li, fl-opinjoni tieghi, ma tissuperax 1%"*.

F'dawn ic-cirkostanzi u stante l-grad minimu ta' dizabilita`, din il-Qorti sejra tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fl-ammont komplessiv ta' elfejn lira (Lm2,000).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Muscat u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, izda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ismail Hazzouri u tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tieghu billi:

(1) Tiddikjara lill-konvenut Ismail Hazzouri unikament responsabbli ghall-incident tal-25 ta' April 1991 u ghad-danni konsegwenzjali subiti mill-attrici,
(2) Tillikwida d-danni fl-ammont ta' elfejn lira (Lm2,000), u
(3) Tikkundanna lill-konvenut Ismail Hazzouri jhallas lill-attrici din is-somma hekk likwidata ta' elfejn lira (Lm2,000) bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Ismail Hazzouri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------